# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2024**

**Rikors Nru: 367/2024**
**Nru fuq il-Lista: 20**

**Busy Bee Estates Limited (C30083)**

**vs**

**Epicurean Limited (C79464) u Maria Attard (K.I. 390472M)**

**Il-Bord;**

Reġa' ra r-rikors promotur tas-soċjetà rikorrenti, imfassal skond l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, imressaq fit-22 ta' Awwissu 2024[1].

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2024[2] fejn l-intimati ingħataw il-jedd li jressqu difiża għal din l-azzjoni.

Ra r-risposta tal-intimati mresssqa fis-17 ta' Ottubru 2024[3].

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jinsab a fol 90 tal-proċess.
[3] A fol 99 tal-proċess.

Ra r-rikors tas-soċjetà rikorrenti mressqa fis-6 ta' Novembru 2024[4], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li l-Bord isib li r-risposta msemmija qabel tiġi dikjarata bħala tardiva, bil-konsegwenza li l-intimati jkunu hekk waqgħu fi stat ta' kontumaċja ai fini ta' din l-azzjoni.

Ra r-risposta tal-intimati mressqa wkoll fis-6 ta' Novembru 2024[5] fejn taw ir-raġunijiet tagħhom il-għala t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra**

Illi din tal-lum hija deċiżjoni għat-talba tas-soċjetà rikorrenti sabiex l-Bord jiddikjaraw li l-intimati waqgħu fi stat ta' kontumaċja għaliex ir-risposta mressqa minnhom kienet tardiva. Fi kliem ieħor, s-soċjetà rikorrenti tqis li dak l-att ġudizzjarju huwa wieħed null, minħabba ż-żmien tat-tressieq tiegħu.

Illi dak li wassal s'hawn kien is-segwenti.

1) Permezz ta' rikors promotur imressaq fit-22 ta' Awwissu 2024, s-soċjetà rikorrenti talbet *inter alia* l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond enumerat tnejn u sebgħin (72), Antonio Bosio Street, Msida u dan għar-raġunijiet hemm indikati. Dan kien rikors magħmul ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.
2) Permezz ta' digriet maħruġ fit-30 ta' Awwissu 2024, il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-23 ta' Settembru 2024.

---

[4] Erronjament indikat a fol 105 tal-proċess.
[5] Erronjament indikata a fol 102 tal-proċess.

3) Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2024, il-Bord sab li l-intimati kienu wrew li *prima facie* huma kellhom difiża valida x'jagħtu u għalhekk ikkonċeda li dawn iressqu risposta. Għal dan il-għan ingħataw għoxrin jum kif trid il-liġi.
4) Fis-17 ta' Ottubru 2024, l-intimati ressqu r-risposta.
5) Fis-6 ta' Novembru 2024, s-soċjetà rikorrenti ressqet ir-rikors mertu ta' dawn il-proċeduri fejn talbet li r-risposta tal-intimati tiġi sfilzata għaliex tressqet tardivament.
6) Fl-istess jum l-intimati rrispondew għal dan ir-rikors fejn opponew għat-talba.

Illi hija l-fehma tal-Bord, kif diġà kellu okkażjoni jitkellem fil-passat, li **ġeneralment** il-liġi speċjali tiegħu[6], hija siekta dwar meta għandha tidħol risposta għal kawża ġdida[7]. Madanakollu, fil-każ t'azzjonijiet imressqa taħt l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kif inhu propju l-każ hawnhekk, f'każ li l-Bord isib li hemm lok li titressaq difiża, hija l-liġi stess li trid li din titressaq fi żmien għoxrin jum[8], minn meta jitħalla jikkontesta l-kawża.

Illi għalhekk, f'dan il-każ partikolari, jeżisti terminu legali perentorju sabiex titressaq risposta u għalhekk lanqas ma jidħol fix-xena dak li jrid l-artikolu 106 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[9]. Huwa magħruf li terminu legali jitqies li

[6] Kemm mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarja 69.01.
[7] F'dan is-sens issir referenza għal żewġ digrieti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>44 Main Street vs Marco Debono,</u>** (Rik Nru: 104/2024) mogħtija minn dan il-Bord fil-15 ta' Lulju 2024.
[8] L-artikolu 16A(5)(b) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *Jekk l-intimat jikkontesta b'suċċess il-proċediment minħabba f'irregolarità, jew inapplikabilità, jew jekk jissodisfa lill-Bord li jkollu difiża prima facie għall-kawża, jew jiżvela dawk il-fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu suffiċjenti biex jintitolawh jiddefendi l-kawża, huwa għandu jitħalla jiddefendi l-kawża u jippreżenta risposta fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-ordni msemmija fil-paragrafu (d).*
[9] Dan jgħid hekk: *Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, meta mhux perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba, kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid.*

huwa perentorju meta jemerġi mil-liġi stess għaliex dan jingħata l-karattur ta' dekadenza[10]. B'żieda ma dan, ġaladarba li ż-żamma ma dan it-terminu jitqies bħala wieħed ta' ordni pubbliku, l-istess terminu ma jistax jiġi rinunzjat jew imtawwal[11]. Intqal għalhekk li meta persuna tħalli jgħaddi terminu hekk perentorju inutilment, ma tistax isseħħ is-sanatorja[12].

Illi fil-każ tagħna, r-risposta kellha tiġi mressqa fi ż-żmien għoxrin jum mit-23 ta' Settembru 2024 u għalhekk nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2024, iżda minflok ġiet intavolata fis-17 ta' Ottubru 2024 u għalhekk tardivament. Billi kif intqal, dan it-terminu ma setax jiġi b'xi mod imġedded, huwa ċar li r-risposta ma tistax tibqa' fl-atti.

Illi deċiż dan il-Bord iqis li jista' jieqaf hawnhekk, madankollu tinħass il-ħtieġa li jgħid kelmtejn dwar ir-raġuni l-għala l-intimati kienu qegħdin jopponu għat-talba għall-isfliz. L-intimati jgħidu li huma rċevew it-traskrizzjoni tar-

---

[10] Fost diversi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Cutajar Construction Limited vs Pierre P. Gregoire,</u>** (App Ċiv Nru: 2840/1996) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Marzu 2019.

[11] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Vassallo Concrete Services Limited vs Direttur Ġenerali (Kuntratti),</u>** (App Ċiv Nru: 64/2011/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-24 ta' April 2015. Issir ukoll referenza għad-digriet fl-ismijiet **<u>Godfrey Ciangura vs Il-Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari *et*,</u>** (Rik Ġur Nru: 155/2012/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Novembru 2024.

[12] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Camilleri *et* vs Angelo Abela *et*,</u>** (App Ċiv Nru: 8/2006) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ġunju 2007 fejn ingħad hekk: "*Dan igib illi l-appell hu allura fuori termine u, konsegwentement, irritwali. Huwa ben maghruf illi meta ma jigix rispettat it-terminu ffissat mil-ligi ghallproponiment ta' xi att, kompriz allura dak ta' l-appell, ma tistax issir is-sanatorja. Dan ghaliex dak it-terminu processwali hu wiehed perentorju u, la darba skada, mhix konsentita r-rimessjoni fit-terminu. Evidentement, jidher minn dan illi l-ligi trid tikkolpixxi dik il-kondotta processwali kolpevoli u volontarja dovuta ghall-inkurja jew negligenza imputabbli. Jikkonsegwi illi la s-sanatorja mhix permissibbli l-Qorti jkollha tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-atturi appellati. Ara f' sens konformi s-sentenza in re: "Philip Micallef et -vs- AIC Godwin Drago et", Appell Inferjuri, 26 ta' Frar 1999;*" Fuq l-istess vena issir ukoll referenza għall-provvediment fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>L-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores *et* vs ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali *et*</u>**, (Rik Nru: 589/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-18 ta' Jannar 2022.

reġistrazzjoni tat-trattazzjoni magħmula fit-23 ta' Settembru 2024, fis-17 ta' Ottubru 2024 biss, u kien għalhekk li ma setgħux iressqu r-risposta tagħhom sal-14 ta' Ottubru 2024.

Illi għal dan il-Bord, dan ir-raġunament huwa wieħed fieragħ għal-aħħar.

Illi jibda billi jingħad li f'dawn l-aħħar żminijiet il-Bord reġa' daħħal il-prassi tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoniijet fl-ewwel smiegħ ta' proċeduri sommarji speċjali, meta intimat jidher sabiex jipprova jikkontesta l-kawża. Dan qiegħed isir l-aktar għall-aħjar informazzjoni lil Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), f'każ li l-Bord isib lir-raġunijiet miġjuba l-quddiem bħala difiżi ma jkunux ta' siwi, minn żewġ aspetti. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jkollha stampa ċara ta' dak kollu li jkun ingħad, għaliex jista' jiġri li l-verbal ma jkunx jirrproduċi kelma b'kelma kull sottomissjoni. Fit-tieni lok, dik il-Qorti tkun b'hekk armata bis-sottomissjonijiet kollha li saru u hekk tkun f'pożizzjoni aħjar tkun taf jekk xi argument li jkun qiegħed jinġieb quddiema f'każ t'appell jkunx wieħed *noviter deductus*.

Illi għalkemm jerġa jingħad li f'dan il-każ ma hemm l-ebda lok għal sanatorja, f'każijiet ta' kontumaċja, kien hemm okkażjonijiet fejn il-Qrati kienu klementi f'xi ċirkostanzi, bħal meta jkun intwera li l-iżball ma kienx tal-parti, għaliex għall-iżball ta' terz m'għandhiex tiġi preġudikata l-parti[13]. Dan m'huwiex il-każ tal-lum[14]. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Bord isib lit-talba m'għandhiex tiġi

---

[13] Fost oħrajn, issir referenza għal dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Golden Gate Limited vs Meliton Group Ltd,** (Ċit Nru: 849/19991/) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Mejju 1999.

[14] F'dan is-sens, il-Bord jagħmel referenza għal dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Paul Demicoli vs Ministru Politika Soċjali *et*,** (Ċit Nru: 2/2010) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Marzu 2010.

milqugħa[15]. L-intimati, li kienu għadhom kemm għamlu sottomissjonijiet ,setgħu faċilment iħejju ripetizzjoni ta' dak li qalu fil-forma ta' risposta formali, mingħajr ma jistennew li jaraw it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tagħhom u jiftakru dak li kienu għadhom kemm qalu! Dan huwa ferm il-bogħod mill-impediment leġittimu li jridu l-Qrati f'ċirkostanzi bħal dawn[16]. Dwar dan il-Bord jieqaf hawn.

Illi finalment il-Bord jagħlaq billi jgħid li ġeneralment il-kontumaċja ma teżistix quddiemu, propju għaliex ma hemmx żminijiet legali[17] għal risposta u l-azzjonijiet ma jinbdewx b'rikors maħluf[18]. Dan però ma jgħoddx għall-azzjonijiet magħmula skond l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi anke hawn tinsab siekta u allura l-Bord iqis li għandu jdur lejn il-liġi ġenerali[19]. F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-riżultat huwa li l-intimati għandhom jiġu dikjarati bħala kontumaċi[20]. Ġaladarba l-Bord peró isib li l-intimati kienu attivi fl-ewwel seduta quddiemu, qiegħed minn issa jiddikjara li l-intimati sejrin jingħataw il-

[15] Ara f'dan is-sens dak li ntqal u ġie deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Robert Bondin Carter vs Frank Zahra,** (Rik Ġur Nru: 716/2016) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Jannar 2017 u kif ukoll dawk fl-ismijiet **Victoria Tabone *et* vs Daniel Orsini,** (Rik Ġur Nru: 624/2016/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Lulju 2017.

[16] Għal rassenja tajba dwar dan, il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Renato Aquilina *et* vs Christopher James Arthur Townshend,** (Rik Nru: 696/2015) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Jannar 2016.

[17] Jistgħu jkunu ġudizzjarji.

[18] Fir-risposta tagħhom, l-intimati jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Brian Galea *et* vs Adam Cilia,** (Rik Nru 165/2018MV) inizjalment mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar it-8 ta' Mejju 2019 (attentat t'appell minn dik is-sentenza ġie dikjarat null b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-11 ta' Marzu 2020). Tajjeb jiġi senjalat però li **dik il-kawża ma kienitx titratta kawża tal-istess tip bħal dik odjerna**. Kienet kawża normali mhux waħda sommarja speċjali.

[19] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Professor Dr. Alexander Briffa *et* vs Lawrence J. Sullivan,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Diċembru 1956. Bl-istess mod, issir referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż minn dna il-Bord fis-sentenza fl-ismijiet **Chev. Hadrien Majoie vs Gilead Raphael Wiseburgh**, (Rik Nru: 139/2024) mogħtija nhar is-6 ta' Diċembru 2024 (terminu tal-appell għadu għaddej).

[20] Sa fejn hekk applikabbli issir referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza ismijiet **Danish Bakery Limited vs Roderick Bonnici,** (348/2022/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Jannar 2023.

jedd li jħejju sottomissjonijiet finali skond l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[21].

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kif konfezzjonati fir-rikors tas-6 ta' Novembru 2024 u b'hekk qiegħed jiddikjara li r-risposta tal-intimati mressqa fl-17 ta' Ottubru 2024 bħala waħda tardiva, jordna li l-istess risposta tiġi mneħħija mill-atti ta' dawn il-proċeduri u jiddikjara li l-intimati waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[21] Dwar l-applikazzjoni korretta tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed huwa mistieden jara r-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Lombard Bank Malta p.l.c. (C-1607) vs. Venues Company Limited</u>**,(App Ċiv Nru: 229/14) mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019.